**374. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, f'isem il-Prim Ministru, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lil Amateur Swimming Association, il-pixxina f'Żonqor Point, Marsascala deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artiklu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-pixxina, f'Żonqor Point, Marsascala kif deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija lil Amateur Swimming Association għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

13.02.1987